# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 25 ta' Frar 2025**

**Nru:5**

**Rikors Nru. 1078/2023**

## L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

**v**

## Ocean Way Co Ltd

Kopja informali

**Daħla**

1. Ocean Way Co Ltd ("Oceanway") irċeviet ittra uffiċjali mibgħuta mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (l-"Awtorità") biex tħallas is-somma ta' €15,176.00 għal "*laid up dues, fees* għall-kiri tal-moll Church Wharf T, *security fees* (Boiler Wharf), u *berthage dues*" skond rendikont mibgħut flimkien mal-ittra uffiċjali.[1] L-ittra uffiċjali ntbagħtet għall-finijiet tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 u magħha ġiet mehmuża d-dikjarazzjoni meħtieġa skont is-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu.[2]

2. Oceanway laqgħet għat-talba fl-ittra uffiċjali billi ressqet ir-rikors tat-22 ta' Settembru 2023 li qiegħda tqis il-qorti (ir-"Rikors"). Oceanway tgħid li l-pretensjoni tal-Awtorità tirrigwarda żewġ bastimenti: *Bunkertank 1* u *Turu*. Għalkemm mfissra separatament, ir-

---

[1] Ara Dok A, paġni 4, 6 – 7
[2] Ara paġna 5

raġunijiet għaliex Oceanway tippretendi li xejn ma hu dovut huma, essenzjalment, l-istess, ħlief kif ser jingħad. Oceanway tgħid li (i) il-bastimenti mhumiex proprjetà tagħha, imma ta' soċjetajiet oħra, anki jekk taħt l-istess kontroll, bl-implikazzjoni li jekk hemm xi ammont dovut, dan mhux dovut minn Oceanway; u (ii) fi kwalunkwe każ l-ebda ammont ma hu dovut għaliex is-servizzi li qed tippretendi ħlas tagħhom l-Awtorità ma kienux meħtieġa ħlief għal nuqqas tal-istess Awtorità, meta rrifjutat, inġustament, li toħroġ iċ-ċertifikati li Oceanway tippretendi li kellhom jinħarġu għall-bastimenti. Oceanway tgħid ukoll, fir-rigward ta' *Turu*, li ttieħed kontroll tiegħu fit-12 ta' Marzu 2019 u, allura, ma hemm ebda ammont dovut għall-perjodu qabel dakinhar.

3. L-Awtorità rrispondiet hekk:

   a. Li kienet Oceanway li, fir-rigward taż-żewġ bastimenti, tat struzzjonijiet lill-Awtorità li l-kontijiet kellhom joħorġu f'isimha, u li hi għalhekk kienet responsabbli għall-kontijiet mid-data tal-istruzzjonijiet mogħtija;

   b. Iċ-ċertifikat li tilmenta dwaru Oceanway fir-rigward ta' *Bunkertank 1* inħareġ l-għada li seta' joħroġ, u li d-dewmien biex ikun jista' joħroġ kien ta' Oceanway mhux tagħha; u

   c. Iċ-ċertifikat li tilmenta dwaru fir-rigward ta' *Turu* ma setax jinħareġ mill-Awtorità.

**Dwar jekk Oceanway tirrispondix għall-kontijiet, jekk inhuma dovuti**

4. Kif rajna, Oceanway tgħid li hi mhix proprjetarja tal-bastimenti in kwistjoni. Kif sewwa osservat l-Awtorità,[3] Oceanway donnha qed issostni li ma tirrispondix għall-kontijiet maħruġa mill-Awtorità kemm-il darba huma dovuti.

5. Il-fatt li Oceanway mhix il-proprjetarja tal-bastimenti hu ammess mill-Awtorità. Iżda l-Awtorità tgħid li hi ħarġet il-kontijiet f'isem Oceanway għaliex, fil-każ ta' *Bunkertank 1*, kellha struzzjoni ċara biex tagħmel hekk permezz ta' posta elettronika;[4] u, fil-każ ta' *Turu*,

[3] Risposta, paragrafu 4
[4] Dok TM2, paġna 76



Kopja informali

għaliex Oceanway kienet avżat lill-Awtorità, ukoll permezz ta' posta elettronika, li kienet hi li xtrat il-bastiment.[5]

6. Fl-affidavit tiegħu George Zammit jgħid li hu l-uniku direttur ta' Oceanway u li hu biss hu awtorizzat li jidher għall-kumpannija. Jgħid li għall-akkwist ta' bastiment, hu kien dejjem juża kumpannija differenti. Għalhekk, il-*Bunkertank 1* inxtara minn Mirage Towage Ltd filwaqt li *Turu* inxtara minn Pendennis Company Limited.

7. Jkompli jgħid li Oceanway kienet

> tiehu hsieb tamministra l-affarijiet tad-diversi socjetajiet, imma naturalment ma hijiex agenta' tas-socjetajiet u lanqas ma hija responsabbli ghad-dejn tas-socjetajiet.[6]

8. Dwar id-dokument li fih struzzjoni biex (fost affarijiet oħra) il-kontijiet jintbagħtu lil Oceanway, jgħid hekk:

> Jien rajt id-dokument TM2 u dwar dan id-dokument irrid nghid li ma hux iffirmat minni, u jien biss direttur tal-kumpanija. Barra minn hekk b'dak id-dokument bl-ebda mod ma jfisser li s-socjeta' Ocean Way Co Ltd kienet qed tidhol taghmel tajjeb hi ghad-dejn tas-socjeta' Mira Towage Limited. Ocean Way Limited kienet biss tamministra l-affarijiet ta' Mira Towage, u kien b'hekk li ntalab li l-kontijiet jintbagħtu lil Ocean Way, sabiex din tkun f'posizzjoni li tamministra l-affarijiet ahjar.[7]

9. Ikompli jgħid li l-istess japplika fir-rigward ta' *Turu*.

10. B'din ix-xhieda, is-sur Zammit ikkonferma li kienet Oceanway li talbet lill-Awtorità biex toħroġ il-kontijiet tagħha, fir-rigward taż-żewġ bastimenti, lil Oceanway. Kif rajna, il-komunikazzjoni lill-Awtorità fir-rigward tal-bastiment *Turu* ħariġha hu stess. Dik għall-bastiment *Bunkerbank 1* ħariġha impjegat. Issa għalkemm is-sur Zammit jittenta jressaq punti li setgħu jwasslu għal argument li dan l-impjegat ma kienx awtorizzat jibghat dik il-komunikazzjoni, is-sustanza ta' dak li jgħid teskludi argument serju f'dan is-sens. Dan għaliex hu jikkonferma li Oceanway, taħt id-direzzjoni tiegħu, u tiegħu biss, riedet li l-kontijiet jinħarġu kif fil-fatt inħarġu, għar-raġunijiet li ta hu stess. Hu għalhekk ovvju li l-

[5] Dok TM4, paġna 88. Il-fatt dikjarat mis-sur Zammit kien żbaljat għaliex, kif xehed hu stess, il-bastiment inxtara minn kumpannija oħra. Imma jidher li l-Awtorità, b'ċerta ġustifikazzjoni, ħadet din bħala stqarrija ta' Oceanway li kienet hi li kienet sejra tidħol għar-responsabbiltà tal-obbligazzjonijiet lejha.
[6] Affidavit, paġna 95
[7] *Ibid.*



Kopja informali

impjegat ma kien qiegħed jagħmel xejn għajr li jeżegwixxi l-politika ta' Oceanway; politika li ħaddimha hu stess fir-rigward ta' *Turu.*[8]

11. Is-sur Zammit jittenta jilqa' għall-konsegwenzi ta' dawn l-istruzzjonijiet billi jgħid li Oceanway kienet qiegħda sempliċiment tamministra l-affarijiet tal-kumpanniji sidien tal-bastiment; li ma kienitx aġent tagħhom; u li ma kienitx qed tagħmel tajjeb għad-dejn tagħhom.

12. Il-premessa mhux dikjarata, jew impliċita, f'dan l-argument hi li d-dejn kien tas-sidien tal-bastimenti, għaliex hu s-sid ta' bastiment li jixtri s-servizzi in kwistjoni. Imma din il-premessa hi żbaljata. Is-servizz hu kuntrattat bejn min jitolbu, jew min jidħol għalih, u min jaċċetta li jipprovdih lilu, irrispettivament minn min hu s-sid tal-bastiment. L-Awtorità rċievet struzzjoni mingħand Oceanway biex il-kontijiet jintbagħtu f'isimha – u għal dan l-iskop Oceanway ipprovdiet id-dettalji kollha meħtieġa inkluż l-indirizz, in-numru tal-kumpannija u n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud.[9] Dan ma jistax ħlief ifisser li Oceanway kienet qed tavża lill-Awtorità li l-kontroparti tal-Awtorità fir-rigward tas-servizzi in kwistjoni kienet hi stess, ċioè Oceanway; u hekk kif l-Awtorità aċċettat lil Oceanway bħala l-kontroparti, twieled il-kuntratt bejniethom. B'hekk kienet Oceanway, bħala prinċipal, li daħlet għar-responsabbiltà, fir-rigward tal-Awtorità, li tħallas dak dovut fir-rigward tas-servizzi in kwistjoni. Dan jeskludi l-argumenti kollha li tressqu minn Oceanway fis-sens li Oceanway ma aġixxietx bħala garanti u li, bħala *manager*, m'għandhiex titqies responsabbli hi għad-dejn tal-prinċipal; għaliex il-prinċipal kienet Oceanway.[10] Naturalment, mill-perspettiva tal-Awtorità, ir-relazzjoni interna bejn Oceanway u s-sidien hi għal kollox irrelevanti.[11]

13. L-ewwel ilment hu għalhekk mingħajr bażi.

---

[8] Ara trattazzjoni, paġni 316 *et seq*: b'lealtà, l-avukat ta' Oceanway irrikonoxxa li hu kien sorpriż meta ra l-posta elettronika mressqa bħala Dok TM2; u aċċetta li t-triq kienet għalhekk għat-telgħa. Aċċetta ukoll li min kiteb dik il-posta elettronika, ċertu sur Coppini, kien awtorizzat biex jirrappreżenta lil Oceanway. Jingħad għall-kompletezza li, fil-kontro-eżami tiegħu (paġni 311 – 313), is-sur Zammit għall-ewwel qal li s-sur Coppini bagħat il-posta elettronika minn jeddu, imma meta rinfaċċjat b'posta elettronika oħra (Dok TM2, paġna 76, datata 3 ta' Jannar 2018), is-sur Zammit qal: "Fl-istess borma jidħlu ta, jagħmlu l-istess xogħol."

[9] Ara Dok TM2, paġna 76

[10] Ara trattazzjoni, paġni 316 – 318

[11] Artikolu 1871 tal-Kap. 16



Kopja informali

**Dwar jekk l-Awtorità taħtix għad-dewmien**

14. Iż-żewġ bastimenti nxtraw permezz ta' irkant bil-qorti. Oceanway tgħid li hi xtrat il-bastimenti biex, wara li tagħmel xogħolijiet fuqhom, terġa' tbiegħhom. Tgħid li kien hemm dewmien f'dan ir-rigward għaliex l-Awtorità, fir-rigward tal-*Bunkertank 1,* damet biex ħarġet, u, fir-rigward ta' *Turu,* ma ħarġitx, iċ-ċertifikati li tgħid li kienu meħtieġa biex il-bejgħ ikun jista' jsir, u dan kontra l-dmir tagħha skont il-liġi.

15. Fil-każ ta' *Turu,* l-Awtorità wriet li l-bastiment ma kienx reġistrat f'Malta u, għalhekk, hi qatt ma setgħet tagħlaq ir-reġistru. Isegwi li ma setgħetx toħroġ iċ-ċertifikat mitlub minn Oceanway.[12]

16. Fil-każ ta' *Bunkertank 1,* l-Awtorità wriet li r-reġistru ta' dan il-bastiment kien ingħalaq fit-23 ta' Jannar 2017, skont l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.[13] Dan kien qabel ma nxtara l-bastiment minn Mira Towage Ltd, li jidher li kien fit-23 t'Ottubru 2017.[14] Peter Buhagiar, li jokkupa l-kariga ta' Reġistratur fi ħdan l-Awtorità, jgħid li l-Awtorità ġiet infurmata bit-trasferiment jew f'Ottubru tas-sena 2017 jew f'Novembru ta' dik is-sena.[15] Jgħid ukoll li ntalab il-ħruġ ta' ċertifikat ta' l-għeluq tar-reġistru li kien juri li l-bastiment kien ġie trasferit mingħajr piżijiet. Iżda jgħid li dan ma setax jinħareġ kif mitlub għaliex, kif ingħad, il-reġistru tal-bastiment kien ingħalaq qabel ma nxtara minn Mira Towage Ltd. Spjega ukoll li kienu meħtieġa xi dokumenti biex ikun jista' jinħareġ ċertifikat kif mixtieq minn Oceanway u li hekk kif dawn id-dokumenti tressqu – fis-16 ta' Awwissu 2018 - iċ-ċertifikat mitlub inħareġ l-għada.[16]

17. Oceanway qiegħda tistieden lill-qorti biex issib li l-Awtorità ma ħaddmitx il-liġi sew; u, in effett, li l-Awtorità trid tagħmel tajjeb għall-iżball billi Oceanway tinħeles mill-fatturi maħruġa f'isimha. L-Awtorità setgħet qalet li din l-istedina għandha titqies bħala talba għal stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv, talba li kellha ssir skont l-artikolu 469A tal-

Kopja informali

[12] Ara affidavit ta' Peter Buhagiar, paġni 109 – 110; affidavit mhux kontestat in kwantu għall-fatti.
[13] Affidavit ta' Peter Buhagiar, paġni 109 – 110; u Dok PB1, paġna 111
[14] Affidavit ta' George Zammit, paġna 95; u Dok J, paġna 97
[15] Affidavit ta' Peter Buhagiar, paġna 109
[16] Affidavit ta' Peter Buhagiar, paġni 109 – 110; u Dok PB1, paġni 111 – 112

Kap. 12. Imma l-Awtorità ma qalitx hekk, u l-qorti ma tqisx li għandha tkun hi li tqajjem l-eċċezzjoni.[17]

18. Apparti kwistjonijiet ta' kawżalità, il-qorti ma tarax li l-Awtorità applikat il-liġi b'mod żbaljat. L-interpretazzjoni tagħha tal-artikoli 28A u 29 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u l-ispjegazzjoni ta' kif kellhom jitħaddmu f'dan il-każ treġġi. Jista' forsi jingħad li l-interpretazzjoni mhix l-unika waħda possibbli, imma dan ma jagħmilx l-interpretazzjoni magħżula neċessarjament żbaljata. Jiżdied *obiter* li, anki jekk sar żball, l-Awtorità ma tistax titqies responsabbli għall-konsegwenzi, billi ma ġiex allegat, wisq anqas ippruvat, li l-Awtorità mxiet b'*mala fede* jew b'mod irraġonevoli.[18]

**Dwar jekk il-ħlas mitlub fir-rigward ta' *Turu* kellux ikun mit-12 ta' Marzu 2019**

19. Oceanway tgħid li l-bastiment *Turu* nxtara permezz ta' irkant bil-qorti f'Jannar 2019.[19] Iżda żżid li t-trasferiment, permezz ta' *bill of sale*, sar biss fit-12 ta' Marzu 2019.[20] Għalhekk tgħid li kull fattura li tkopri ż-żmien qabel it-12 ta' Marzu 2019 mhix dovuta. L-Awtorità tgħid, in effett, li d-data tal-*bill of sale* hi rrelevanti għaliex hi ġiet mgħarrfa mis-sur Zammit li Oceanway kienet akkwistat il-bastiment *Turu* permezz ta' posta elettronika tal-21 ta' Jannar 2019.[21]

20. Il-pożizzjoni ta' Oceanway ġiet artikolata aħjar fl-affidavit tas-sur Zammit. Hu jistrieħ mhux biss fuq il-fatt li l-*bill of sale* ġġib id-data tat-12 ta' Marzu 2019 imma ukoll fuq stqarrija li qabel dakinhar l-Awtorità ma rrikonoxxietx lis-sidien il-ġodda.[22] Din ix-xhieda ma ġietx kontradetta u għalkemm sar kontroeżami tas-sur Zammit, ma ġiex suġġerit lilu li dak li qal f'dan ir-rigward ma kienx minnu.

21. Il-qorti hi tal-fehma li l-Awtorità ma tistax tistrieħ biss fuq il-fatt li ntbagħtet il-posta elettronika tal-21 ta' Jannar 2019 meta tirriżulta prova mhix kontradetta li hi stess ma

---

[17] Biex tagħmel hekk, il-qorti kien ikollha ssib li l-kwistjoni hi waħda ta' ordni pubbliku, u kellha tħaddem l-artikolu 732A tal-Kap. 12. Hemm argument li din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku, iżda l-qorti ma tqisx li għandha tqajjimha f'dan il-każ għaliex għandha bażi oħra li fuqha tista' tistrieħ biex tieħu deċiżjoni.
[18] Artikolu 469A(5) tal-Kap. 12
[19] Ara Dok F anness mar-rikors, paġna 13
[20] Ara Dok G anness mar-rikors, paġna 14
[21] Dok TM4 anness mar-risposta, paġna 88. Kif rajna, il-fatt dikjarat mis-sur Zammit kien żbaljat, imma dan m'għandux effett fuq is-sejbien tal-qorti.
[22] Affidavit ta' George Zammit, paġna 96



Kopja informali

ħallietx la lis-sidien il-ġodda u lanqas lil Oceanway jitilgħu fuq il-bastiment qabel it-12 ta' Marzu 2019. Għalhekk Oceanway ma tirrispondix għall-fatturi li jkopru ż-żmien bejn il-21 ta' Jannar 2019 u l-11 ta' Marzu 2019 fir-rigward tal-bastiment *Turu.*

**Dwar l-allegazzjoni li l-bastimenti ma kienux *laid up* u li ma *Bunkertank 1* ma kienx marbut mal-moll**

22. Fl-affidavit tiegħu s-sur Zammit jgħid, in effett, li jekk hemm xi ammont dovut minn Oceanway, dan għandu jkun inqas minn dak mitlub għaliex il-bastiment *Bunkertank 1* qatt ma kien irmiġġat mal-moll imma ma' bastimenti oħra u, allura, li l-ispiża tal-irmiġġ kellha tinqasam. Jgħid ukoll, issa fir-rigward taż-żewġ bastimenti, li dawn ma kienux *laid up* u, għalhekk, li ebda *laid up dues* ma huma dovuti.

23. Dawn l-ilmenti ma jirriżultawx fir-Rikors u, għalhekk, ma jistgħux jitqiesu.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tilqa' t-talba ta' Oceanway fir-rigward biss tar-raba' premessa fir-Rikors, u għalhekk tiddikjara li ebda ammount ma hu dovut fir-rigward ta' *Turu* għall-perjodu bejn il-21 ta' Jannar 2019 u l-11 ta' Marzu 2019; u tiċħadha għall-bqija.

L-ispejjeż jitħallsu għal 80% minn Oceanway u 20% mill-Awtorità.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

Kopja informali